**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Dicembru, 2024**

**Mandat Nru: 1643/2024/1 AF**

**Connie Bonaci**

**vs**

**Darren Desira**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Connie Bonaci, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra talbet lil din il-Qorti zzomm lil Darren Desira milli jbiegh jew jghabbi b'xi piz diversi proprjetajiet tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Darren Desira, li permezz taghha oppona ghall-mandat.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi l-Art. 874 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Il-gurisprudenza fil-kuntest hija ben stabbilita. Huwa mizmum illi l-elementi li trid il-ligi li jigu sodisfatti huma ta' inqas rigidità minn dawk ta' mandat mitlub tal-Art. 873. Il-Qorti tirreferi fost ohrajn ghal Aquilina vs Formosa (29 ta' Lulju 2014) u IAS Limited vs Felice (31 ta' Awwissu 2020).

Fil-kaz in ezami, Connie Bonaci trid tqieghed fis-sod kreditu taghha ghar-risarciment ta' danni kawzati lilha minn Darren Desira minhabba l-bini li huwa qieghed itella' ezatt f'sular oghla mill-appartament residenza taghha. Jidher illi l-perit inkarigat

mill-Qorti fil-kawza fil-mertu digà ivvaluta l-ispejjez fl-ammont ta' €60,000 ghat-tiswija tal-hsarat u sa issa €31,000 fis-sena ghat-telf tal-kera tal-appartament li Connie Bonaci kellha bilfors tmur tghix fih minflok tikrih sakemm id-dar taghha tkun f'qaghda li hija tista' tghix fiha.  Jidher ukoll illi Connie Bonaci digà rceviet €40,000 minghand l-assikurazzjoni taghha. Jirrizulta inoltre illi wara mandat ta' sekwestru giet depozitata fil-Qorti s-somma ta' €35,000.

Jirrizulta mir-ritratti u filmat annessi illi l-proprjetà tal-intimat ghadha miftuha ghall-elementi u b'hekk il-hsara ghada qeghda ssir.  Jirrizulta wkoll li Connie Bonaci ghadha qeghda tghix fl-appartament li tieghu b'hekk qed titlef il-kera.

Ghalkemm l-intimat jinsisti li l-proprjetajiet milquta kollha huma hielsa minn ipoteki, ma pprezenta ebda ricerki.  Il-possibilità ta' privileggi u preferenzi skond il-ligi ma gietx imxejjna partikolarment in vista tal-fatt li nofs il-proprjetajiet imsemmija ma humiex tal-intimat wahdu, izda flimkien ma' terzi.  Sahansitra tnejn minnhom huma soggetti ghad-dritt ta' uzu u uzufrutt tad-donanti.  Ukoll, il-valutazzjonijiet ipprezentati, ghajr ghall-*penthouse* u Villa Trevi, jirreferu ghall-proprjetajiet mhux milquta bil-mandat.  Din il-Qorti hija tal-fehma illi sid ta' diversi proprjetajiet ma jkunx difficli ghalih li jipprovdi garanzija alternattiva facilment realizzabbli, bhal ma hija garanzija bankarja biex jehles mix-xkiel tal-mandat.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub fir-rikors ta' Connie Bonaci tal-10 ta' Ottubru 2024.

Tordna lir-Registratur jeffettwa r-registrazzjonijiet kif trid il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-kawza fil-mertu.

IMHALLEF